MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 303/2008

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Johan Cini**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€4222.41), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut minn Johan Cini lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess Mobisle Communications

Limited fix-xhur bejn Awwissu 2007 u Marzu 2008, u dana in segwitu ta', u skond client Contract No 352655, liema kuntratt huwa ffirmat minn Cini Johan.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2008, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Johan Cini fejn espona:

1. Illi fl-ewwel lok dawn il-proceduri huma intempestivi u l-esponent m'ghandux ibati spejjez tal-kawza ghaliex permezz ta' ittra datata 9 ta' Lulju 2008, l-esponent talab informazzjoni u rendikont minghand is-socjeta' attrici rigwardanti l-kont in kwistjoni sabiex jirregola ruhu. Minflok ir-rendikont huwa rcieva din il-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju, t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li kif jirrizulta mit-talba stess l-ammont huwa dovut mhux mill-esponent izda minn certu Yassine Ahmed.
3. Illi minghajr pregudizzju wkoll it-talba attrici ghandha tigi michuda minhabba illi l-ammont pretiz mhux dovut kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2008,[1] il-konvenut irrinunzja ghat-tieni eccezzjoni tieghu, u ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu iktar konjizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

[1] Ara fol. 10 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Il-konvenut kellu kuntratt ta' *internet/email access* datat 27 ta' Settembru 2007.[2]

2. F'Jannar 2008 mar il-Bulgarija fil-perjodu bejn l-14 ta' Jannar 2008 u t-22 ta' Jannar 2008, is-server tas-socjeta attrici irregistra li l-konvenut tella' kont ghal *"Outgoing calls, GPRS and SMS while roaming"* ta' €3,228.16.[3]

3. Il-konvenut jghid li meta kien il-Bulgarija huwa xeghel il-computer tieghu darba biss biex jaghmel kuntatt mal-internet, *"bdew jidhlu hafna linji fuq xulxin"* u ma damx aktar minn minuta. Minhabba hekk, hu jghid li talab access ghall-internet mil-lukanda fejn kien.[4] Huwa ma setax jispjega ghala l-kont tela' daqshekk.

*__Eccezzjoni Preliminari__*

Il-konvenut eccepixxa preliminarjament illi dawn il-proceduri huma intempestivi u l-esponent m'ghandux ibati spejjez tal-kawza ghaliex permezz ta' ittra datata 9 ta' Lulju 2008,

[2] Ara fol. 24 tal-process.
[3] Ara fol. 39 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 61 tal-process.

huwa talab informazzjoni u rendikont minghand is-socjeta’ attrici rigwardanti l-kont in kwistjoni sabiex jirregola ruhu. Minflok ir-rendikont huwa rcieva din il-kawza.

Il-konvenut ma ressaq ebda provi sabiex jissustanzja din l-eccezzjoni tieghu.

Min-naha taghha s-socjeta attrici ezebiet ittra ufficcjali datata 30 ta’ Gunju 2008 mibghuta lill-konvenut fejn talbitu ihallasha l-ammont pretiz f’dawn il-proceduri, li giet notifikata lill-konvenut fis-7 ta’ Lulju 2008.[5]

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*Il-Meritu*

Mix-xhieda tal-konvenut u mit-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tal-konvenut, jirrizulta li l-konvenut mhux qed jikkontesta l-ammont kollu pretiz, imma qed jikkontesta dik il-parti tal-kont li tirraprezenta *“Outgoing calls, GPRS and SMS while roaming”* fl-ammont ta’ €3,228.16,[6] liema *roaming* sar fil-perjodu li l-konvenut kien il-Bulgarija.

Il-Qorti ma tqisx li l-versjoni tal-fatti li ta l-konvenut fix-xhieda tieghu hija wahda attendibbli u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, il-konvenut huwa kontradett fix-xhieda tieghu minn siehbu stess, ghaliex fil-waqt li l-konvenut jghid li pprova jikkollega mal-internet darba wahda biss, Joseph Frendo, li kien mieghu il-Bulgarija jghid li l-konvenut ipprova jikkollega mal-internet f’zewg okkazzjonijiet.

[5] Ara fol. 19 tal-process.
[6] Ara fol. 39 tal-process.

2. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jghid li meta pprova jikkollega mal-internet, huwa ma rnexxielux ghax *"bdew jidhlu hafna linji fuq xulxin"*.[7] Dan mhux verosimili, ghax kif huwa notorju, utent jista jinduna li l-linji qed jidhlu fuq xulxin, meta wiehed qed jitkellem fuq telefonija tal-linja fissa. Fil-kaz tal-internet, jew wiehed jirnexxielu jikkollega mal-internet jew le, u fl-ebda hin ma jistghu "jidhlu" linji fuq xulxin u l-kompjuter ma jaghti l-ebda sinjal li hemm xi linji fuq xulxin.

3. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jghid ukoll li minhabba f'hekk talab l-access ghall-internet mil-lukanda fejn kien. Il-Qorti issib din ix-xhieda inverosimili, ghaliex wiehed kien jistenna li fic-cirkostanzi, fl-ewwel lok l-konvenut jikkomunika mal-*customer care* tas-socjeta attrici sabiex jara ghaliex ma kienx qed jirnexxielu jikkollega mal-internet, u mhux mill-ewwel imur jitlob access ghall-internet mill-lukanda, meta huwa notorju li t-tariffi ghall-mezzi tat-telekomunikazzjoni fil-lukandi normalment ikunu gholjin.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut, u tikkundannda lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€4222.41), bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2008, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

[7] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 61 tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------